SANNAT

Minuti tal-ħames laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tnejn, 20 ta' Mejju 2013 fis-6.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi-Sindku | Frances Galea |
| | Joseph Bajada |
| | Maria Cassar Sultana |
| | Margaret Said |
| L-Uffiċjali: | |
| Is-Segretarju | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1. Approvazzjoni tal-Minuti**

9. Ġew approvati l-minuti tal-laqgħa Nru. 1 li saret fil-5 ta' April 2013, laqgħa Nru. 2 li issejjeħet b' urġenza fit-23 ta' April 2013, laqgħa Nru. 3 li ssejħet b'urġenza fil-25 ta' April 2013 u l-laqgħa Nru. 4 li ssejħet b'urġenza fil-14 ta' Mejju 2013.

**Item 2. Mill-Minuti**

10 Rigward l-attivita' Notte Scarlatta, is-sindku qal li l-Ministeru għal Għawdex ser jagħti sponsor ta' €1,000. L-Għaqda tan-Nar għadhom iridu jagħtu risposta lill-Kunsill dwar l-ikla għaliex għandhom jiltaqgħu llum. Ġie ppreżentat il-poster tal-attivita'. Għandhom isiru tmien boards għall-wirja li ser issir fil-każin tas-Soċjeta' Mużikali Santa Margerita.

**Item 3. Korrispondenza**

11 Il-Kunsill ġie nfurmat illi, il-Kunsill ser jingħata €1,000 bħala għajnuna finanzjarja taħt l-iskema Attivitajiet Kulturali skond Memo 38/2012 għall-attivita' Notte Scarlatta.

12 Il-Kunsill ġie nfurmat illi, il-Kunsill ser jingħata €500 bħala għajnuna finanzjarja taħt l-iskema Libreriji Lokali skond Memo 40/2012. Il-Kunsill kellu joħroġ €500 u jingħata €500 oħra mill-Gvern Ċentrali. Żmien kien hemm sal-aħħar ta' Marzu. Dawn inxtraw.

13 Għas-sena finanzjarja 2013, il-Kunsill bħala allokazzjoni ser jingħata €204,032. Is-Segretarju ġibet l-attenzjni tal-Kunsill li hemm l-Estemi finanzjarji tas-sena 2013 iridu jiġu approvati.

Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

SANNAT

14 Il-Kunsill ġie nfurmat illi skond Memo 49/2012, ser jingħata sa massimu ta' €1,075 bħala għajnuna finanzjarja taħt l-Iskema Attivitajiet Sportivi. Il-Kunsill irid joħroġ l-istess ammont mill-fondi tiegħu. Ser jingħataw nofs dawn l-ammonti li ġejjin:

| | |
|---|---|
| 1. Sports festival for children & bike day | €500 |
| 2. Aerobics classes (twice a week for 3 months) | €750 |
| 3. Logħob mingħajr konfini (under 15/all ages) | €500 |
| 4. Fun run/race & walk fun walk | €400 |

L-Aerobics classes għandhom jibdew fi żmien qasir.

15 Il-pulizija ġabet kopja tal-ittra li Jack Galea bagħat lill-Kummissarju tal-Pulizija rigward il-bozza li tneħħiet minn mad-dar tiegħu. Kopja ta' din l-ittra ġa kienet inġabet lill-Kunsill minn Jack Galea. Is-Sindku qal li fir-roundabout hemm tliet fanali jixgħelu u ieħor mitfi. L-inġinier tal-Ministeru ser jagħmel floodlight temporanju sakemm tiġi rranġata t-triq.

16 Il-Kunsill ġie nfurmat li wara spezzjoni li saret mill-ispettorat fil-playing field hemm palma nfettata bil-*Palm Weevil*. Kien hemm żewġ għażliet jew tinqata' s-siġra jew isir *dentrosurgery*. Fil-fatt sar *dentrosurgery* biex tiġi salvata. Il-palm kollu jrid jingħata l-bexx kull 4 - 6 ġimgħat. Emanuel Curmi qed jagħmel dan ix-xogħol ta' bexx.

17 Ittra mill-Gozo Action Group Foundation dwar Action 413.6 - Festivals and Events għal parteċipazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Din l-applikazzjoni saret. Din l-attivita' ser tkun jisimha Tal-Bidwi Fest u ser tiġi tiswa €3,737. 80% ser jinħarġu mill-E.U. u 20% ser jinħarġu mill-Kunsill.

18 Invit mill-MSDEC-AGR sabiex jorganizzaw attivita' bħala parti mill-"Village Meeting InfoNitrates Project. Huma ser jagħmlu tinda ta' 4x 4 m. għal breeders u għal bdiewa fil-5 ta' Ġunju 2013. Il-Kunsill approva din l-attivita'.

19 Ittra mingħand Economicard Group li ser jagħilqu 40 sena mit-twaqqif tal-kumpanija li jixtiequ jorganizzaw Tree Planting activity fil-15 jew 22 ta' Gunju 2013 f' ta' Sannat. Iridu post fejn jistgħu jħawlu dawn is-siġar.

20 Ittra mill-MEPA fejn il-Perit Vincent Cassar offra li ssir laqgħa miegħu biex jiġu diskussi l-isfidi u l-problemi li hemm fil-lokalita' li huma relatati mal-ambjent u mal-ippjanar. Il-Kunsill aċċetta li ssir din il-laqgħa.

21 Ittra dwar M 125 bl-open date sa 31st My 2013. Din tikkonsisti f'titjib ta' toroq rurali u passaġġi. Din l-applikazzjoni hi għal dawk li bagħtu l-espressjoni ta' interess. L-applikazzjoni trid issir skond il-*priority list* li kienet saret. Id-Daħla taċ-Ċnus saret u issa għad baqa' Triq Bardan u l-Isqaq Dun Astas.

22 Ittra mill-Malta Council for the Voluntary Sector li jixtiequ jagħmlu laqgħa għal għaqdiet volontarji fil-lokalita'. Dawn isiru kull nhar ta' Tnejn fis-6.00 p.m.

SANNAT

23 Ittra mill-MEUSAC dwar Europe for Citizens – Town Twinning Citizens' Meeting Measure 1.1 Id-*deadline* biex issir l-applikazzjoni hi 1 ta' Ġunju u 1 ta' Settembru 2013. Il-Kunsill qabel li jipprova jagħmel ġemellaġġ ma' Montefiascone fl-Italia. L-arċipriet għandu jmur Montefiascone f'Ġunju ma' grupp ta' nies. Il-Kunsill għandu jibgħat ittra miegħu bħala Sindku fejn jibgħat it-tislijiet miegħu. Wara fil-festa għandu jiġu grupp minn Montefiascone għal festa. Dawn għandhom jiġu mistiedna jiltaqgħu mal-Kunsill.

24 Laqgħa tas-Sindki u Viċi Sindki ser issir fil-31 ta' Mejju u 1 ta' Gunju 2013. Is-Sindku u l-Viċi Sindku ser jattendu għal din il-laqgħa.

25 Ittra datata 26 ta' Frar 2013 mingħand s-Sur Joseph Zammit li kien ingħata l-kwotazzjoni Nru. 01/2013 *Construction of stone vernicular features at Tal- Bidwi Park*. Dan kien kiteb ittra fejn qal li ma jistax jagħmel ix-xogħol imsemmi għaliex mhux ser ikun jista' jagħmlu minħabba li hemm xogħol ieħor għaddej u hu ma setax jibda. Il-Kunsill qabel li għandha tinkiteb ittra lil Joe Zammit biex jikkonferma jekk iridx jaħdem ix-xogħol.

26 Il-kumpanija Faces bagħtet formoli lill-Kunsill sabiex jiffirma l-confirmation forms ta' żewġ bus shelter li hemm fil-lokalita'. Sar ftehim ma' Transport Malta li l-Kunsill jagħmel il-platform u huma jaqilgħu l-bus shelter u ppoġġuha fi Triq Ċenċ fil-pjazzetta ta' fuq. Din il-platform għandha ssir mill-ħaddiema tal-IPSL.

27 Ittra mingħand Galea Curmi fejn ipprotestaw rigward it-tender ta' CCTV system. Huma qalu li għandhom kuntratt biex jassistu lill-Kunsill fil-preparazzjoni ta' proġetti bħal dawn meta dan ingħata lil terza persuna.

28 Ittra mingħand George Azzopardi rigward Mgarr ix-Xini Regional Park. Hu qal li s-survey tal-bjar li kien sar is-sena l-oħra f'Tal-Gruwa ser jerġa' jsir din is-sena għaliex l-ilma kien imdardar. Dan sar minn team ta' Amerikani li jkollhom l-isponsors tagħhom.

29 Ittra mingħand Clifford Vella dwar il-ktieb tiegħu - Places of Interest in Gozo li jiswa €7.50. Il-Kunsill approva li tinxtara kopja jekk dan il-ktieb għandu parti minnu dwar ta' Sannat.

**Item 4. Kuntratti**

30 Il-Kunsill ġab hand quotation għall-istampar ta' materjal tal-printing għan-Notte Scarlatta.

Dawn kienu:

| No. | Contractor | Amount € |
|---|---|---|
| 1. | Oliver' Smart Signs | 505.00 |
| 2. | Gozo Creations | 867.30 |
| 3. | A & M Printing | 611.10 |
| 4. | B.C. D. Printing Ltd. | 359.00 (prezz-tal-billboards mhux inklużi) |

Il-Kunsill għażel dik ta' Oliver Smart Signs li kienet l-irħas waħda.

31 Il-kuntratt tar-Ready Mix Concrete and other materials għalqet u għandu jerġa' joħroġ mill-ġdid.

32 Il-Kunsill ta' qabel li joħroġ tender għal patching bil-cold asphalt. L-specifications għandhom ikunu ta' ħofor ta' inqas minn 0.50cm. sq. (bil-ħofra); ħofor ta' inqas min metru kwadru (bil-ħofra), ħofor ta' inqas minn 3 metri kwadri (m. sq.), ħofor ta' iktar minn tlett metri kwadri (m. sq). Il-fond għandu jkun ta' 75mm.

33 Għandha toħroġ tender oħra għat-tindif u manutenzjoni tal-Playing Flied f'Triq Merziena biex jinżamm fi stat tajjeb. Irid ikun hemm klawsola fejn tgħid li jekk ikun hemm bżonn jidħol inaddaf fil-weekend. Dan il-kuntratt jrid jinkludi l-bexx kontra r-*Red palm weevel*. Dan irid isir mill-anqas tmien darbiet fis-sena.

34 Għandha toħroġ sejħa oħra ġdida għall-fence u gate tal-playing field. Rigward il-kanċell irid ikun hemm żewġ options:

1. Kanċell galvanizzat
2. kanċell tal-cast iron

35 Il-kuntratt tal-latrina ser jagħlaq f'Lulju 2013 u għandha toħroġ sejħa għall-offerta ġdida.

36 Inġabu tlett kwotazzjonijiet għal vetrina tax-Show case. Dawn kienu:

| Nru. | Kuntrattur | Ammont |
|---|---|---|
| 1. | Lawrence Attard | €250 |
| 2. | Claudio Cauchi | €130 |
| 3. | Philip Formosa . | €370 |

Din ingħatat li Claudio Cauchi li kienet l-irħas waħda.

37 L-assigurazzjoni tal-Kunsill għalqet fit-12 ta' April 2013. Inġabu żewġ kwotazzjonijiet li kienu:

| Nru. | Kuntrattur | Ammont<br>€ |
|---|---|---|
| 1. | Citadel Insurance (First United) | 1,001.05 |
| 2. | Laferla Insurance | 981.00 |

Il-Kunsill għażel dik ta' Laferla Insurance. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-għamara tat-toroq u ġonna jridu jiġu assigurati kollha. Is-Sindku qal irridu naraw.

SANNAT

**Item 5. Materja oħra**

38 It-transport għal Ta' Pinu f'Erbgħat ta' Santa Maria beda. Il-prezz ser ikun ta' €1.

39 Għall-iskema tas-CIES applikaw tnejn Għawdxin. Il-Kunsill li qabel jissospendi din l-iskema minħabba li hemm problema fuq il-ħlasijiet tal-iskema.

40 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill rigward is-sitwazzjoni tal-ħaddiema tal-ETC. Il-Kunsill għandu jkellem lill-ħaddiema.

41 Il-bank li kien hemm miksur fil-pjazza nġabar. Il-Kunsill qabel li jinxtara ieħor ġdid kif ikollu l-flus.

42 Dwar il-kont tal-għamara tal-pedestrian space ta' Anton Zarb, il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra fejn jiġu spjegat lilu li l-Kunsill ser iħallas skond il-kwotazzjoni li kien għamel u mhux ta' dak il-bank il-ġab mingħajr approvazzjojni tal-Kunsill. Hu għandu jingħata ġimgħa żmien sabiex jew jibgħat l-invoice skond l-kwotazzjoni jew ineħħi kollox u l-Kunsill joħroġ sejħa ġdida għall-offerti.

43 Trid tiġi rimedjata s-sitwazzjoni tal-fanali ta' Triq it-28 ta' April 1688 li qed jintfew. Alex Gatt li għamel l-installazzjoni tal-fanali qal li s-sitwazzjoni ġiet rimedjata. Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra lill-Alex Gatt fejn jiġi mitlub jirranġa s-sitwazjoni a spejjeż tiegħu.

44 Fanali tal-Ġibjun ta' Triq il-Kbira xi drabi qed jintfew.

45 Il-fanal li kien hemm miksur fi Triq Skerla twaħħal ieħor floku mill-kuntrattur.

46 Ġie nnotat li n-nies barranin li qed jiġu fil-farmhouses u appartamenti fi Triq Skerla qed iħallu l-boroż tal-iskart barra meta jitilqu bil-konsegwenza li qed ikun hemm boroż ta-żibel fit-triq li xi drabi anke jitħalla għal ġranet sħaħ. Ġie deċiż li tinkiteb ittra lil proprejtarji tal-farmhouses sabiex ma jibqax isir dan l-abbuż.

47 Il-Kunsill għandu jaħtar bord sabiex jipprepara proġett għal Pjazza Santa Margerita biex 'il quddiem ikun jista' japplika għal fondi tal-Unjoni Europea.

**Item 6. Ilmenti**

48 Il-KIP Għawdex kitbu rigward r-rimi bl-addoċċ fl-iskips on wheels inkluż tar-restoranti. Fejn l-Skips on wheels qed ukoll jinxeħtu boros ta' żibel bil-konsegwenza li qed ikun hemm ħafna boros u żibel fl-art. Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra lir-residenti li mhux aċċettabeli li jinxeħtu boroż fl-art. F'din l-ittra jingħad li jekk dan l-abbuż mhux ser jitwaqqaf ser jitneħħew l-*Skips on wheels*. Għandu jiġi meħmuż rittrat tal-Bin on wheels bl-iskart fl-art.

49 Renzo Galea, Flat 2 St. Margaret Court, Triq Ras in-Newwiela talab biex issir bozza ġdida fejn id-dar tiegħu għaliex hemm id-dlam. Il-Kunsill approva li ssir din il-bozza.

50 Josianne Aguis, Madonna ta' Pinu, Triq l-10 ta' Ottubru, talbet għal patching.

51 Marvic Xerri, N. B. Triq it-28 ta' April 1688 talab biex issir bankina tal-madum quddiem id-dar. Din il-bankina saret mill-Ministeru għal Għawdex.

52 Joseph Curmi, Triq ta' Ċenċ talab biex issir bozza ġdida ma' arblu eżistenti fejn ta' Furta Curmi fi Triq tal-Gruwa. Din ġiet approvata

53 Miriam Camilleri, O'Hair, Triq Carolina Cauchi, Victoria talbet għal WiFi f'Mgarr ix-Xini. Din is-Sinjura għandha tiġi nfurmata li Mġarr ix-Xini mhux possibli li sir il-WiFi għar-raġuni li ma hemmx dawl u hu diffiċċli li jitwassal sa hemm isfel minħabba l-ambjent.

54 Joseph Debrincat, Triq Dun Lazzru Camilleri talab biex isir patching fit-triq fejn joqgħod.

55 George Spiteri, Welcome, Triq Saguna talab sabiex issir bankina quddiem bini ġdid li għandu fi Triq Ras in-Newwiela. Din għanda ssir mill-Ministeru għal Għawdex għaliex hi bankina ġdida.

56 Il-kap tal-iskola Primarja ta' Sannat Daniel J. Cassar talab sabiex issir zebra crossing fejn l-entratura tal-Special Unit. Din trid issir 1 – 2 metri bogħod mir-rampa li tieħu għal playing field. Peress li din it-triq hi arterjali, it-talba ser titressaq lill-Miniseru għal Għawdex.

57 Rose Fava ta' Triq l-10 ta' Ottubru tablet biex isiru Double Yellow Lines f'din it-triq għaliex qed jipparkjaw fuq iż-żewġ naħat.

58 Katherine Booth dwar ħitan tas-sejjieħ. Din qalet li hemm xi ħitan fi Triq il-Kalkara tal-Ġir li huma mwaqqa' jew perikolużi. Qalet li hemm ħarruba li ħarġet għat-triq.

59 Maria Cassar semmiet li ġiet avviċinata dwar l-istat ta' parti Triq it-Tempju tal-Imramma tat-triq li mhix asfaltata. Il-Kunsill kien ġa bagħat ittra lil Ministru għal Għawdex.

60 Il-Kunsilliera Maria Cassar Sultana qalet li nġibditilha l-attenzjoni minn Mr Dolan li fi Triq Bardan hemm il-periklu għax qed jidħlu l-karozzi. Is-Sindku semma li qed jidħlu t-turisti bil-karozzi u mhux qed ikunu jistgħu jdwaru bil-konsegwenza li jkun ta' periklu li jaqgħu għal isfel. Il-Kunsill qabel li ssir tabella Dead end u Black spot fil-bidu ta' Triq Bardan. Għandha ssir talba lil Transport Malta.

## Item 7. Bdwi Park

61 Il-Kunsill qabel li tinħareġ it-tender għal manutenzjoni tal-Bidwi Park. Min jixħet din it-tender irid ikollu l-esperjenza fuq dan ix-xogħol. Dan irid ikun armat bil-makkinarju neċessarju, bħal moħriet, mower, etc sabiex ikun jista' jaħdem. Issir it-tisqija u jkun responsabli wkoll tal-pompa tal-ilma. Irid ikun hemm flower beds b'ward staġġjonali.

62 Lawrence Borg li kien ħa x-xogħol tal-qanniċċ għandu jiġi mitlub jibda x-xogħol. Il-Kunsill approva l-karettun li ġab Lawrence Borg. Dan għandu jiġi marbut b'katnazz.

63 Claudio Cauchi għandu jiġi mitlub iwaħħal il-kannizzata.

64 Rigward it-tender tal-Creation of Project Webste, setting of an ICT platform and creation of hunts/games ser isir bord tal-aġġudikazzjoni li ser ikun magħmul mill-perit Scerri. Aman Curmi u John Mizzi.

65 L-istudenti tal-iskola primarja ser jagħmlu t-tpinġija tal-interpretation panels tal-Bidwi Park.

66 Il-ħamrija tal-Bidwi Park trid tinħadem għaliex hemm ħafna ħaxix. Għalhekk ser jitqabbad xi ħadd li għandu tractor sabiex jaħdem l-art.

**Item 8. Kuntratt tal-perit**

67 Il-Paying Agency kitbet li kellha diskussjonijiet mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar it-Techinical Assistance u Contract Manager li qed jitħallsu *lump sum* skond struzzjonijiet li kienu ingħataw mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Ġie miftiehem li biex dan ikun jista' jsir persuni tekniċi jrid ikollhom kuntratt kurrenti u validu mal-Kunsill. Huma talbu kopja tagħhom. Il-Kunsill irid joħroġ tender għal kuntratt ta' perit għaliex ma għandux wieħed validu. Is-Sindku ppropona li dan irid ikollu esperjenza ta' ħames snin jaħdem ma' Kunsill Lokali u jkollu esperjenza fil-E.U. projects u jagħmel lista ta' proġetti li jkun ħadem fuqhom.

**Item 9. Dikasteri**

68 Is-Sindku ta dikasteri lill-Kunsilliera.

Kull xahar ser isiru laqgħat bejn is-Sindku u l-Kunsillier partikulari dwar id-dikasteru li jkun għandu f'idejh. Qal ukoll li ser isir programm ta' sena.

**Item 10. Approvazzjoni tal-Pagamenti**

69 Ġew approvati l-pagamenti skond Skeda Nru. 1 li hi annessa mal-minuti.

**Item 11. Is-Segretarju Eżekuttiv**

70 Is-Sindki ppropona li jinħatar Deputat Segretarju. Ġie approvat li jinħatar deputat.

Is-Sindku qal li mhux kuntent bl-atteġjament tas-Segretarju lejh. Is-Segretarju qallu li hu mhux ser jirrispondi dak il-ħin u jirrispondi darba oħra.

SANNAT

Il-laqgħa spiċċat fit-8.45 ta' filgħaxija.

Arthur Bajada

Segretarju Eżekuttiv

Philip Vella

Sindku